# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.179

## REGOLAMENTI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (DIKJARAZZJONI DWAR DEROGA GĦALL-ISTAĠUN TAL-INSIB FIL-ĦARIFA TAL-2025 GĦALL-MALVIZZ U L-PLUVIERA)

18 ta’ Ottubru, 2025

*L-AVVIŻ LEGALI 252 tal-2025.*

Titolu u għan.

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2025 għall-Malvizz u l-Pluviera) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw flimkien mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera). L.S. 549.74.

Għan, dikjarazzjoni tar-raġunijiet u evidenza li m’hemm l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra.

**2.** (1) Għall-fini ta’ dawn ir-regolamenti u fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, hawnhekk aktar ’il quddiem imsejħa d-"Direttiva tal-Għasafar", peress li, f’Malta, il-Pluviera u l-Malvizz ma jbejtux fis-selvaġġ u lanqas fil-magħluq, il-Ministru qiegħed hawn jaċċerta li ma hemmx soluzzjoni oħra sodisfaċenti għall-akkwist ta’ eżemplari ħajjin minn dawn iż-żewġ (2) speċi ħlief permezz tal-insib b’użu tal-mansab bħala l-aktar metodu selettiv ta’ qbid*[*2], f’numri żgħar, u sakemm huwa assolutament neċessarju sabiex jiżdied l-ammont limitat ta’ dawn l-għasafar ħajjin fil-magħluq sabiex jintużaw bħala għajjat u taħrik waqt staġuni miftuħa tal-kaċċa.

(2) Għall-fini ta’ dawn ir-regolamenti u fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Għasafar, il-Ministru ħa inkonsiderazzjoni l-istat ta’ konservazzjoni favorevoli tal-Pluviera u l-Malvizz kemm fuq livell Ewropew ("Stable" u "Moderate Increase" rispettivament) kif ukoll fuq livell tal-Unjoni Ewropea ("Secure"), kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni l-klassifikazzjoni tagħhom tal-IUCN bħala "Least Concern"*[†3].

**[2] Rapport dwar is-selettività u d-daqs tal-malju u kif jitħaddem mansab kien ippreżentat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi lill-Kumitat Ornis fil-31 ta’ Lulju 2019 (inkluż bħala Anness A mal-minuti tal-Kumitat tal-istess laqgħa) u huwa disponibbli fuq is-sit: https://wbru.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/oMinThirtstJul19.pdf.

† *[3] Ir-rapport datat Awwissu 2025 dwar l-istat ta’ konservazzjoni tal-Pluviera (*Pluvialis apricaria*) u l-Malvizz (*Turdus philomelos*), ġie ppreżentat lill-Kumitat Ornis fis-6 ta’ Ottubru 2025 u huwa disponibbli fuq is-sit: https://wbru.gov.mt/rizorsi/rapporti-u-statistika/rapporti-ohra/.

Tifsir.

L.S. 549.42.

L.S. 549.74.

**3**. It-termini u l-frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi" u fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera).

Jiġu stabbiliti s-sors tal-popolazzjoni u numri żgħar.

**4.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Pluviera u l-Malvizz huma kklassifikati bħala għasafar tal-passa li ma jbejtux f'Malta u li jikkwalifikaw bħala għasafar kaċċabbli taħt id-Direttiva tal-Għasafar (MT: Anness IIB). F'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' "numri żgħar" fl-iskop tal-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Għasafar, għandha tinftiehem bħala "kampjun fl-ordni ta' 1% tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni inkwistjoni". Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "popolazzjoni inkwistjoni" għandha tinftiehem, fir-rigward ta' dawn l-għasafar migratorji, bħala l-popolazzjoni ta' dawk ir-reġjuni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea minn fejn jiġu l-maġġoranza tal-eżemplari li jgħaddu mir-reġjun li jkun applika d-deroga waqt il-perjodu li tkun ġiet applikata, jiġifieri, il-Finlandja u l-Iżvezja fil-każ tal-Pluviera (Wetlands International, 2009) u l-Bulgarija, l-Ungerija, r-Rumanija u l-Slovakkja fil-każ tal-Malvizz (Cramp *et al*, 1988; Spina & Volponi, 2008), kif dettaljat fir-rapport dwar l-istat ta' konservazzjoni ta' dawn iż-żewġ (2) speċi li ġie ppreżentat lil u approvat mill-Kumitat Ornis***[3].

Kalkolu tal-1% tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni ta' referenza.

**5.** Il-1% tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tal-Pluviera u l-Malvizz għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

**Pluviera** (*Pluvialis apricaria altifrons*)

Suċċess minimu ta' tnissil: 3.64 frieħ kull par (172,089 x 3.64) = 626,404

Rata ta' mortalità tal-frieħ fl-ewwel sena (626,404 x 53.33%) = 334,061

Rata ta' mortalità tal-għasafar adulti (344,178 x 27%) = 92,928

Mortalità totali annwali (334,061 + 92,928) = 426,989

1% tal-mortalità totali annwali (426,989 x 1%) = **4,270**

**Malvizz** (*Turdus philomelos*)

Suċċess minimu ta' tnissil: 4 frieħ kull par (664,306 x 4) = 2,657,225

Rata ta' mortalità tal-frieħ fl-ewwel sena: (2,657,225 x 56%) = 1,488,046

Rata ta' mortalità tal-għasafar adulti: (1,328,612 x 43.3%) = 575,289

Mortalità totali annwali: (1,488,046 + 575,289) = 2,063,335

1% tal-mortalità totali annwali: (2,063,335 x 1%) = **20,633**

**6.** Għall-finijiet li jiġi mwaqqaf l-istaġun tal-insib tal-għasafar selvaġġi fil-Ħarifa skont is-subparagrafi (ii) u (iii) tar-raba' proviso għar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun għall-insib tal-Malvizz u l-Pluviera għas-sena 2025, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-istaġun għall-insib fil-Ħarifa", għandu jkun f'dawn id-dati li ġejjin: *Twaqqif tal-istaġun.* L.S. 549.42.

(a) l-insib għall-Malvizz mill-20 ta' Ottubru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025, iż-żewġ dati inklużi; u

(b) l-insib għall-Pluviera mill-1 ta' Novembru 2025 sal-10 ta' Jannar 2026, iż-żewġ dati inklużi:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ u l-ebda attività ta' insib ma għandha tkun permessa fil-każ li l-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru.

**7.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera). L-insib skont qafas stabbilit. L.S. 549.74.

**8.** Il-liċenzja għall-insib fil-Ħarifa, li għandha tinħareġ mal-ħlas ta' dritt nominali ta' ħamsa u ħamsin euro (€55), għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva staġjonali għall-istaġun tal-insib fil-Ħarifa ta' ħamest elef (5,000) għall-Malvizz, ekwivalenti għal 0.242% tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni inkwistjoni, u ta' seba' mija (700) għall-Pluviera, ekwivalenti għal 0.164% tal-mortalità totali annwali tal-popolazzjoni inkwistjoni, bħala l-għadd totali ta' għasafar li jistgħu jinqabdu permezz tal-insib taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien. Kwoti staġjonali u ħlas ta' liċenzja speċjali.